MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru 128/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Mulu Tesfai**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Mulu Tesfai ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, bint Tesfai u Mulu, imwielda l-Ethiopia fl-1 ta’ Jannar 1987 u residenti l-Italia izda f’Malta residenti Sunflower, Flat 6, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, talli: fid-9 ta’ Jannar 2011 u x-xhur ta’ qabel f’Malta, tat jew gghielet li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni jew

xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputata tammetti ghall-akkuzi migjuba kontra taghha u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputata bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija da parte ta’ l-imputata u wara li kkunsidrat l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputata hatija ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl ta’ l-amissjoni bikrija ta’ l-imputata kif ukoll tal-fatt li ghalkemm hija kellha d-dokument falz fil-pussess taghha l-imputata fil-fatt sfatt vittma ta’ xi hadd li qed jiccirkola dawn id-dokumenti foloz u d-dokument originali spettanti lilha x’aktarx inghata lil haddiehor u billi jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat bi kliem car u semplici lill-imputata li jekk taghmel reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------